

Il-Ħamis 18 ta' April 2013

57. Jilqa' pożittivament it-tnedija ta' mappatura komprensiva tas-sitwazzjoni fil-qasam tal-ħarsien tat-tfal fil-Kosovo u l-progress li sar fir-rigward tal-adozzjoni ta' kodiċi tal-ġustizzja tal-minorenni soda li jallinja l-Kosovo mal-istandards internazzjonali u Ewropej; jibqa' mħasseb, madankollu, bin-nuqqas ta' infrastrutturi istituzzjonali speċjalizzati għat-tfal suġġetti għal proċedimenti penali (vittmi u xhieda);

58. Jilqa' pożittivament ir-riżultati finali taċ-ċensiment tal-Kosovo tal-2011 bħala l-ewwel pass biex tingħata informazzjoni f'waqtha u preċiża għal dawk li fasslu d-deċiżjonijiet sabiex tintuża fit-tfassil tal-politiki; jirrikonoxxi, madankollu, l-isfidi li fadal fir-rigward tad-disponibilità ta' data statistikament valida u komparabbli fuq livell internazzjonali, essenzjali biex jitwettqu politiki abbażi ta' provi u għall-monitoraġġ tal-progress fil-Kosovo;

59. Jitlob lill-Kosovo jtejjeb l-kuntest ekonomiku għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju billi jnaqqas il-piż amministrattiv u l-ispejjeż assoċjati, iżid l-aċċess għall-kreditu, u jagħti appoġġ partikolari għall-impriżi li jkunu għadhom jibdedew (start-ups);

60. Jenfasizza l-importanza li l-Kosovo jiġi assenjat kodiċi telefoniku internazzjonali tiegħu stess għal raġunijiet kemm ekonomiċi kif ukoll politiċi; iqis li s-sitwazzjoni attwali hija insostenibbli u ambigwa, u jistieden lill-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti jsoġu l-kwistjoni fl-iqas żmien possibbli, u lis-Serbja tirtira l-veto tagħha f'dan il-rigward;

61. Jistieden lill-Kosovo jaħdem fuq l-iżvilupp ta' enerġija rinnovabbli u d-diversifikazzjoni tas-sorsi enerġetiċi bil-għan li jagħlaq Kosova A u jirriabilita Kosova B, skont l-obbligi previsti mit-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi ddedikata aktar mill-għajnuna finanzjarja fornuta mill-UE u l-BERŻ għall-iffrankar tal-enerġija u għall-efċjenza enerġetika u fuq il-proġetti fil-qasam tal-enerġija rinovabbli; jiddispijaċi li l-BERŻ qed jippjana li jappoġġa impjant ġdid tal-linjite (Kosova e Re) fl-abbozz ta' strateġija tiegħu għall-pajjiż, u jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni biex tikkontesta pjanijiet bħal dawn għalix dawn imorru kontra l-impjenji favur il-klima tal-UE;

62. Jieħu nota tal-pjanijiet ta' infrastrutturi stradali ġodda biex itejbu l-kollegamenti bejn Pristina u l-pajjiżi mal-fruntiera; josserva li l-prattiki tal-akkwist fil-Kosovo jibqgħu mhux adegwati, u jenfasizza l-bżonn li jiġi żgurat li l-proċessi tal-akkwist għal dawn il-proġetti l-kbar ikunu verament miftuħa, kompetittivi u trasparenti; josserva wkoll li dawn il-proġetti ta' infrastruttura għandhom jitwettqu skont il-kriterji stabbiliti fil-programm attwali tal-Fond Monetarju Internazzjonali; jenfasizza l-importanza li jkun żviluppat it-trasport pubbliku fir-rigward, b'mod partikolari, tal-modernizzazzjoni tal-kollegamenti ferrovjarji, u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, bħala parti minn sistema ta' trasport sostenibbli; jissuġġerixxi li tinħoloq sistema transkonfinali ta' trasport ferrovjarju ta' veloċità għolja bejn il-pajjiżi kollha fil-Balkani tal-Punent, konnessi man-Netzwerk Trans-Ewropew tal-Unjoni Ewropea;

o

o o

63. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Gvern u lill-Assemblea Nazzjonali tal-Kosovo.

P7_TA(2013)0188

L-ikkompletar tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2013 dwar l-ikkompletar tat-tabella ta' valutazzjoni għall-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) (2013/2582(RSP))

(2016/C 045/12)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi⁽¹⁾(parti mis-"Six-Pack", u minn hawn 'il qididm magħruf bħala r-"Regolament dwar l-MIP"),

⁽¹⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Il-Ħamis 18 ta' April 2013

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar it-Tabella għas-sorveljanza tal-iżbilanċi makroekonomiċi: id-disinn inizjali previst ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-14 ta' Novembru 2012 bit-titolu "L-ikkompletar tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-MIP: Indikatur tas-Settur Finanzjarju" (SWD(2012)0389),
 - wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment dwar Rapport ta' Mekkaniżmu ta' Twissija – 2013 (COM(2012)0751),
 - wara li kkunsidra l-Views of the European Systemic Risk Board (ESRB) on the Envisaged Scoreboard Indicators Relevant for Financial Market Stability' (fehmiel tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) dwar l-indikaturi pjanati tat-tabella ta' valutazzjoni rilevanti għall-istabbiltà tas-suq finanzjarju) tad-9 ta' Diċembru 2011,
 - wara li kkunsidra l-ittra tad-19 ta' Diċembru 2011 mill-Kummissjoni lill-President tal-Parlament Ewropew li tgħaddi lill-Parlament informazzjoni u dokumenti rilevanti dwar it-tabella ta' valutazzjoni aġġustata għall-MIP;
 - wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar l-ikkompletar tat-tabella ta' valutazzjoni għall-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) (O-000039/2013 – B7-0117/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-MIP hija għodda ta' politika li ġiet introdotta permezz tas-"Six-Pack" u tikkostitwixxi pilastru ewlieni tal-governanza ekonomika taż-żona tal-euro, bil-għan li timpedixxi u tikkorreġi l-iżbilanċi makroekonomiċi fl-Istati Membri, b'attenzjoni speċifika għal dawg l-iżbilanċi makroekonomiċi li potenzjalment għandhom effetti konsekwenzjali fuq Stati Membri oħra;
- B. billi t-tabella ta' valutazzjoni stabbilita fkonformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-MIP oriġinarjament kienet tikkonsisti minn għaxar indikaturi li jkopru firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet ta' sorveljanza fil-qafas tal-MIP;
- C. billi f'Novembru 2012 il-Kummissjoni żiedet indikatur, dak tar-rata tat-tkabbir tal-obbligazzjonijiet tas-settur finanzjarju, u baġtet komunikazzjoni dwar dan lill-Parlament fl-ittra tagħha tad-19 ta' Novembru 2012 u ppubblikat analiżi rilevanti fir-Rapport ta' Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR – Alert Mechanism Report) fit-28 ta' Novembru 2012;
- D. billi l-premessa 12 tar-Regolament dwar l-MIP tgħid li l-Kummissjoni "għandha tippreżenta suġġerimenti għal kummenti lill-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjanijiet biex jiġu stabbiliti u aġġustati l-indikaturi u l-livelli ta' limitu";
1. Jiddeplora bil-kbir il-fatt li l-Kummissjoni naqset milli tirrispetta l-ispiritu kooperativ tar-Regolament dwar l-MIP hija u taġġorna t-tabella ta' valutazzjoni għas-sorveljanza tal-iżbilanċi makroekonomiċi;
 2. Jiddeplora bil-kbir ukoll il-fatt li l-Parlament irċieva l-komunikazzjoni rilevanti f'itjem biss qabel ma l-Kummissjoni ppubblikat it-tabella ta' valutazzjoni f'Novembru 2012;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni tinnotifika lill-Parlament u lill-Kunsill ferm minn qabel dwar jekk hux beħsiebha tkompli taġġorna t-tabella ta' valutazzjoni qabel l-2015;
 4. Jinnota b'dispaċir kbir in-nuqqas ta' trattament indaqs tal-koleġiżlaturi f'dan il-proċess, peress li huwa rrapportat li l-Kummissjoni kkonsultat il-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill;
 5. Jenfasizza li ma jistax jitqies li r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar it-tabella, fejn il-Parlament jitlob li jiżjed indikatur għas-settur finanzjarju, tirrifletti konsultazzjoni sodisfaċenti tal-Parlament kif previst fil-premessa 12 tar-Regolament dwar l-MIP, peress li dik ir-risoluzzjoni ġiet adottata s-sena ta' qabel u ma kinitx reazzjoni għal proposta mill-Kummissjoni; ikompli jinnota li l-għażla u d-disinn iddettaljati tal-indikatur kienu jimplikaw livell għoli ta' diskrezzjoni, kif juri d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-14 ta' Novembru 2012;
 6. Jinnota l-istqarrija ta' fehmiel tal-BERS tad-9 ta' Diċembru 2011 li tinkludi r-riżervi tiegħu fir-rigward ta' indikatur finanzjarju, fejn jistqarr li t-tabella ta' valutazzjoni "għandha tinkludi l-obbligazzjonijiet fuq perjodu qasir (is-somma tal-obbligazzjonijiet li jimmaturow matul sena) għas-settur finanzjarju mhux konsolidat, nett mid-depożiti bankarji, bħala sehem mill-obbligazzjonijiet totali" u li "dan l-indikatur għandu jiġi preferut minn indikaturi msejsa fuq miżuri ta' ekwità

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2011)0583.

Il-Ħamis 18 ta' April 2013

abbażi tal-fluss tal-fondi, bħall-proporzjonijiet tal-effett ta' lieva jew tad-dejn, għax billi l-ekwità hija stmata skont il-valuri tas-suq hija sensitiva ħafna għaċ-ċaqliq tas-suq tat-titoli"; ifakkar lill-Kummissjoni li l-Artikolu 4(5) tar-Regolament dwar l-MIP jistabbilixxi li "x-xogħol tal-ESRB għandu jingħata l-konsiderazzjoni dovuta fit-tfassil tal-indikaturi rilevanti għall-istabbiltà tas-swieq finanzjarji";

7. Mhuwiex se jittollera aktar il-fatt li l-bidla meħtieġa fil-kultura fir-rigward tar-rikonoxximent sħiħ tar-rwol tal-Parlament fil-governanza ekonomika għadha għaddejja s'sissa fis-servizzi tal-Kummissjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni tirrispetta mingħajr ambigwià r-rwol tal-Parlament bħala koleġiżlatur fis-sorveljanza multilaterali, kif stabbilit fost l-oħrajn fl-Artikoli 121(6) u 136 tat-TFUE, u li tittratta lill-Parlament Ewropew bl-istess mod bħall-Kunsill fl-atti kollha tal-Unjoni f'dan il-qasam; ifakkar lill-Kummissjoni li l-konsultazzjoni tal-Parlament dwar modifiki għat-tabella ta' valutazzjoni tiffirma wkoll parti mill-aħjar Prattika fir-rigward tal-kortesija interistituzzjonali;

8. Ifakkar lill-Kummissjoni fl-obbligu tagħha li tkun responsabbli quddiem il-Parlament, kif stabbilit fl-Artikolu 17(8) tat-TUE;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BĊE.

P7_TA(2013)0189

Il-Vjetnam, b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2013 dwar il-Vjetnam, b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni (2013/2599(RSP))**

(2016/C 045/13)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Vjetnam iffirmit fis-27 ta' Ġunju 2012 u d-djalogu UE-Vjetnam dwar id-drittijiet tal-bniedem li jsir darbtejn fis-sena bejn l-UE u l-gvern tal-Vjetnam,
 - wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi li l-Vjetnam aderixxa miegħu fl-1982,
 - wara li kkunsidra l-Eżitu tar-Rieżami Perjodiku Universali dwar il-Vjetnam maħruġ mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti tal-24 ta' Settembru 2009,
 - wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-dritt għal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni lill-14-il Sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem f'April 2010,
 - wara li kkunsidra l-Istqarrija mill-Kelliem tar-Rappreżentant Għoli tal-UE Catherine Ashton dwar l-għoti ta' pieni fir-rigward tal-bloggers fil-Vjetnam tal-24 ta' Settembru 2012,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012 bit-titolu Strateġija dwar il-Libertà Diġitali fil-Politika Barranija tal-UE ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Vjetnam,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi tliet ġurnalisti prominenti – Nguyen Van Hai/Dieu Cay, Ta Phong Tan u Pan Thanh Hai – ingħataw piena ta' priġunerija fl-24 ta' Settembru 2012; billi, wara appell, il-pieni tagħhom ġew ikkonfermati għal 12-il sena, 10 snin u 3 snin rispettivament, segwiti minn bosta snin ta' arrest fid-dar, talli ppubblikaw artikli fuq is-sit tal-internet tal-Klabb Vjetnamiż tal-Ġurnalisti Ħielsa;
- B. billi, skont rapporti reċenti minn organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, 32 ċiberdissident ingħataw pieni ħorox ta' priġunerija jew qed jistennew proċess fil-qorti fil-Vjetnam; 14-il attivista favur id-demokrazija ngħataw piena ta' aktar minn 100 sena priġunerija talli eżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà tal-espressjoni; grupp ta' 22 attivista paċifiku favur l-ambjent ingħataw pieni li jvarjaw minn 10 snin priġunerija sa għomorhom il-ħabs; ġurnalista li jaħdem għall-istampa mmexxija mill-istat tkeċċa wara li kiteb artiklu fuq il-blogg personali tiegħu fejn ikkritika lis-Segretarju Ġenerali tal-Partit Komunista; u ċiberdissidenti, inklużi Le Cong Cau u Huynh Ngoc Tuan, ta' sikwit jingħataw fastidju u jjsfaw attakkati mill-pulizija;

⁽¹⁾ Testi adottati: P7_TA(2012)0470.